# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 3**

**Citaz. numru 875/74**

**Carmelo Farrugia u Malcolm Pace fil-kwalita' taghhom ta' Diretturi ta' "Pabros Ltd.". in rapprezentanza tal-istess.**

**vs**

**Onorevoli Ministru tal-Finanzi u Dwana, u Avukat Dottor Carmelo Mifsud Bonnici.**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

Fl-20 ta' Settembru 1974, Carmelo Farrugia u Malcolm Pace fil-kwalita' taghhom ta' Diretturi tas-socjeta' Pabros Limited u in rapprezentanza tal-istess harrku lill-Onorevoli Ministru tal-Finanzi u Dwana u l-Avukat Dottor Carmelo Mifsud Bonnici bis-segwenti att ta' citazzjoni intiz biex l-

istess Avukat Mifsud Bonnici jigi inibit milli jezercita kwalunkwe setgha, funzjoni jew dmir li jappartjeni lid-ditta attrici :-

> "Peress illi permezz ta' Notifikazzjoni tal-Gvern numru 617 mahruga fil-11 ta' Settembru 1974 taht il-Banking Act 1970 (Gazzetta tal-Gvern nurmu 12999) il-pubbliku gie avzat illi l-Onor. Ministru konvenut ordna illi l-Avukat Dr. Carmelo Mifsud Bonnici jkollu s-setghat, l-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha tal-kumpanija "Pabros Ltd", bl-eskluzjoni ta' kull persuna ohra, u illi dan l-Avukat ghandu jirrealizza l-attiv tal-istess kumpanija ;
>
> U peress li l-artikolu 158 (3) (b) tal-Att jghid illi meta prsuna tigi nominata skond il-paragrafu (c) jew (d) tal-artikolu 18 (1), din il-persuna jkollha dawk is-setghat, funzjonijiet u dmirijiet li l-Ministru jista' jordna dwar dik il-proprjeta' u dawk is-socjetajiet ditti jew kummerc iehor
>
> (a) kif il-Ministru jista' jispecifika, u
>
> (b) li fihom il-Bank ikollu interess, sew direttamet sew indirettament, inkluz kull interess etc. ;
>
> U peress l-artikolu 18 (3) (c) jghid li l-persuna nominata skond xi wiehed mill-imsemmija paragrafu jkollha s-setgha li tehtieg lil kull persuna ohra biex tipprovdiha b'dawk il-facilitajiet tal-istess inciz jispecifika ;
>
> U peress li skond l-artikolu 18 (1) jekk ikun jidher lill-Ministru tal-Finanzi illi Bank ikun qed imexxi hazin, il-Ministru jista' :
>
> (a) taht is-subartikolu (c) jinnomina persuna biex tiehu f'idejha l-attiv tal-Bank ;
>
> (b) taht is-subartikolu (d) jinnomina persuna biex tiehu f'idejha l-kontroll tal-kummerc tal-Bank ;
>
> U peress li n-Notifikazzjoni msemmija ghalkemm tghid li l-ordni gie moghti skond l-artikolu 18 tal-Att imsemmi, cioe', wiehed ghandu jiftehm, in konnessjoni ma' xi Bank, ma tghidx liema Bank hu involut ;
>
> U peress li l-istess Notifikazzjoni tghid biss li l-ordni qed tigi moghtija lill-konvenut Dr. Mifsud Bonnici, cioe' fil-kwalita' tieghu personali, u ma tghidx li l-ordni giet lilu moghtija bhala xi persuna

nominata ghall-finijiet tal-artikolu 18 (1) (c) jew (d) tal-Att imsemmi ;

U peress li l-istess Notifikazzjoni ma tghidx li din l-ordni giet moghtija ghaliex hemm xi Bank li ghandu interess f'Pabros Ltd ;

U peress li, ghal dawn ir-ragunijiet, in-Notifikazzjoni imsemmija ma tissodisfax il-vot tal-ligi ghaliex hi nieqsa minnha nfisha minn dawk ir-rekwiziti li jawtorizzaw lill-Onor. Ministru johrog ordni simili ghal dak li hareg ;

Jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi :-

1. In-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 617 tal-1974 fuq imsemmija hija nieqsa minn rekwiziti essenzjali skond il-ligi ;

2. Per konsegwenza, l-ordni moghtija lill-konvenut Dr. Mifsud Bonnici fl-istess Notifikazzjoni hija inneffikaci, nulla u bla ebda effett, u

Jghid il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici ghaliex hu m'ghandux jigi minn din il-Qorti inibit milli jezercita kwalunkwe setgha, funzjoni jew dmir li jappartjeni lid-ditta instanti.

B'rizerva ta' kull azzjoni ghad-danni kontra l-konvenuti solidalment bejniethom, u ta kull azzjoni ohra, anke ta' natura kostituzzjonali.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni."

**<u>ECCEZZJONIJIET</u>**

Il-konvenut Ministru tal-Finanzi u Dwana eccepixxa illi l-atturi ma kellhomx rapprezentanza tas-socjeta' attrici Pabros Ltd, li n-nomina maghmula mid-direttiva moghtija mill-eccipjent kienu validi skond il-ligi; illi n-notifikazzjoni tal-Gvern imsemmija fic-citazzjoni ma kienitx rikjesta bhala formalita' ghall-validita' tan-nomina tal-Avukat Mifsud Bonnici u konsegwentement id-domanda attrici kellhom jigu michuda.

Minn naha tieghu, l-konvenut Avvukat Mifsud Bonnici eccepixxa preliminarjament illi l-istess Carmelo Farrugia u Malcolm Pace ma kellhomx ir-rapprezentanza tas-socjeta' attrici peress li din kienet issa vestita fih u peress illi huma ma kienux gew nominati diretturi regolarment. Minghajr pregudizzju ghal dan, in-nomina hu direttiva ministerjali tal-11 ta' Settembru 1974 kienet valida u skond il-ligi. Kienet ukoll regolari n-notifikazzjoni tal-istess u f'kull kaz din kienet indipendenti mill-validita' tan-nomina u direttiva ministerjali.

**<u>VERBAL TAS-6 TA' NOVEMBRU 1974</u>**

Fis-6 ta' Novembru 1974, l-atturi talbu lill-Prim'Awla li jigu segwiti r-regoli tal-procedura billi qabel ma jigu deliberati l-eccezzjonijiet fil-mertu jew li jaffettwaw il-mertu jigu trattati u decizi l-eccezzjonijiet preliminari di rito moghtija mill-konvenuti. Il-Qorti hekk iddegretat :-

> "Dr. A. Ganado ghall-atturi jitlob li jigu segwiti r-regoli tal-procedura billi qabel ma jigu delibati l-eccezzjonijiet fil-meritu jew li jaffettwaw il-meritu jigu trattatiu decizi l-eccezzjonijiet preliminari di rito moghtija mill-konvenuti.
>
> Il-Qorti, billi a tenur ta' wahda mill-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Carmelo Mifsud Bonnici jinghad illi n-notifikazzjoni de quo hija f'kull kaz indipendenti mill-validita' tan-nomina u direttiva ministerjali, hu espedjenti li dina l-eccezzjoni tigi trattata u deciza l-ewwel wahda, tghaddi biex tisma' s-sottomissjonijiet dwar din l-eccezzjoni qabel l-eccezzjonijiet l-ohra u konsegwentement tichad it-talba u cioe' li tigi trattata qabel l-ewwel eccezzjoni.
>
> Dr. A. Ganado jitlob zmien biex jikkunsidra l-posizzjoni tieghu."

L-atturi effettivament ikkunsidraw il-posizzjoni taghhom billi appellaw minn dan id-digriet quddiem din il-Qorti. Minn dakinhar sal-lum il-kawza stallat, giet arrenata f'matassa procedurali ghal kollox artificjali u bla ebda utilita' hlief dik li l-mertu gie ghal kollox offuskat u injorat. Jekk l-iskop tal-atturi kien li l-mertu ma jigix trattat, dan intlahaq. Altrimenti "Habent sua sidera lites".

## L-ITER PROCEDURALI TAL APPELL ODJERN

Fl-appell taghhom ghar-revoka tad-digriet tas-6 ta' Novembru 1974, l-atturi talbu lill-Qorti tordna illi l-eccezzjonijiet li l-atturi ma kellhomx ir-rapprezentanza ta' Pabros Limited u li huma ma kienux nominati diretturi regolarment jigu mill-ewwel Qorti decizi b'kapi ghalihom qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu a tenur tal-artikolu 731 tal-Kap. 15. Dan kif kien allura jinstab fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, issa l-Kap. 12. Dak l-appell gie michud b'sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' April 1975. Id-digriet appellat gie kkonfermat u l-atti gew rimessi lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

Il-motivazzjoni centrali ta' dik is-sentenza kienet illi "Issa fil-kaz prezenti l-ewwel eccezzjoni (ta' l-illegittimita' tal-persuna ta' l-atturi) in kwantu tan-nuqqas ta' rapprezentanza ta' Pabros Ltd. mill-atturi, ghaliex huma gew allegatament svestiti minn dik ir-rappresentenza bin-nomina ta'

Dottor Mifsud Bonnici, u bhala tali tolqot u tikkompenetra ruhha mal-meritu (il-validikta' jew necessita' jew le tan-Notifikazzjoni tal-Gvern). Il-meritu, fi kliem iehor, huwa inxindibbili mill-kwistjoni tal-validita' jew in-necessita' jew le tan-Notifikazzjoni tal-Gvern) bil-fors taffetta il-"locus standi" ta' l-atturi. Ghad-decizjoni ta' dik l-eccezzjoni (dejjem in kwantu jirrigwarda l-ewwel raguni taghha) huwa ghalhekk mhux biss opportun imma essenzjali illi l-Qorti tinvesti l-meritu. Minghajr ma taghmel dan ma jistax jigi deciz l-attur gew ezawtorati milli jidhru ghall-Pabros Ltd. Il-kwistjoni l-wahda tikkompentra l-ohra." Din il-Qorti allura kkonkludiet illi ma kien hemm xejn minnu nnifsu censurabbli fid-direttivi moghtija fid-digriet tas-6 ta' Novembru 1974 li minnu sar appell.

Meta l-ewwel Qorti kkunsidrat mill-gdid il-kawza fis-seduta tal-20 ta' Gunju 1975, hi semghet ix-xhieda tal-konvenut l-Avukat Mifsud Bonnici. Dan ikkonferma li kopja vera tan-nomina ministerjali ghar-rigward ta' Pabros Limited kienet intbaghtet lil Carmelo Farrugia u lil Michael Pace personalment u mhux fil-kwalita' taghhom rappresentantiva kif ukoll lil numru ta' persuni ohra li hu kien deherlu li setghu jkunu interessati. Fil-kaz ta' Carmelo Farrugia l-Avukat Mifsud Bonnici ddikjara li kellu risposta bil-miktub li kien ircieva l-ittra tieghu. Hu kellu l-impressjoni illi l-ittri kollha kienu ntbaghtu in via registrata pero' ma setax ikun zgur li hekk sar bl-ittri li ntbaghtu lil Farrugia u lil Pace. Qamet kwistjoni fir-rigward ta' din ix-xhieda u l-Qorti Civili Prim'Awla hekk iddegretat <u>fl-20 ta' Gunju 1975</u> :-

> "Il-Qorti,
>
> Fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell ma hux rikjest illi din il-Qorti tiddeciedi fuq iz-zewg ragunijiet kif hemm indikat u tixtieq tisma' xi provi jekk ikun il-kaz fuq ir-raguni "A" imsemmija fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell.
>
> Tiddeciedi li l-provi jkunu limitati f'dan l-istadju ghar-raguni "A".
>
> Dwar l-incident tar-registrazzjoni tal-ittri l-Qorti tikkonsidra illi r-registrazzjoni o meno tal-ittri msemmija hija rrilevanti kif ukoll huma rrilevanti kwalunkwe haga li nqalghet minn Dr. Carmelo Mifsud Bonnici li m'hijiex rilevanti sic ghall-investitura tieghu bhala persuna li tirrappresenta lis-socjeta' Pabros u specifikatament il-Qorti tiddikjara wkoll illi rilevanti ghal dana huma 1) il-ligi li nvestitu, 2) in-nomina effettiva tieghu relativament."

Dan id-digriet effettivament inghata wara talba tal-atturi li jgibu l-provi dwar l-eccezzjoni duplici tar-rapprezentanza. L-atturi talbu illi jkollhom l-opportunita' li jappellaw minn dan id-digriet pero' l-ewwel Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza in difetto ostacolo. Naturalment l-atturi ma naqsux li jappellaw mid-digriet tal-20 ta' Gunju 1975 u dan hu l-mertu tal-prezenti appell li ser jigi definit oltre hamsa u ghoxrin sena wara.

**L-AGGRAVJU TAL-APPELLANTI**

L-atturi jilmentaw illi l-ewwel Qorti injorat it-talba taghhom li jgibu l-provi u li jitrattaw il-kawza tant li ddifferietha ghas-sentenza in difett ta' ostacolo. L-aggravju taghhom jikkonsisti illi :-

> “Illi l-aggravju jikkonsisti filli li l-ewwel nett il-Qorti Civili Prim’Awla ivvijolat il-principji elementari ta’ gustizzja naturali u dan ghamlitu f’kawza delikata kontra l-Gvern, fejn id-drittijiet tac-cittadin ghandhom jigi intilati, jekk mhux iktar, almenu daqs kemm jigu intellati f’kawza kontra cittadin iehor. L-ewwel Qorti impediet lill-esponenti milli jgibu kwalunkwe prova anke fuq ir-raguni “A” fuq imsemmija, impedielhom milli jitrattaw il-kawza u, minghajr ma cahditha, injorat it-talba li huma jinghataw l-opportunita’ li jappellaw mid-digriet taghha.
>
> Illi kwantu ghall-ezebizzjoni tar-‘registration slips’, jekk ir-registrazzjoni tal-ittri hi rrilevanti, ma kienx imissha l-ewwel Qorti tnizzel dak li xhed Dr. Mifsud Bonnici fl-ezami tieghu. U meta tat id-digriet taghha, l-ewwel Qorti kien imissha nnotat l-isfila jew il-kancellament ta’ dak li dehrilha irrilevanti fl-istess xhieda.
>
> Illi l-esponenti lanqas ma jaqblu li l-provi dwar rapprezentanza jigu likwidati ghar-raguni “A”, ad eskluzjoni tar-raguni “B”. Ghaliex jekk verament iz-zewg atturi, bhala individwi, qatt ma kellhom ir-rapprezentanza ta’ Pabros Ltd, ikun unikovu li din id-ditta tigi konfrontata b’gjudikat f’kawza maghmula minn min ma kellu ebda dritt jagixxi ghan-nom taghha.”

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>**

Minn dakinhar illi gie prezentat ir-rikors tal-appell sal-lum ma sar assolutament xejn ta’ sostanza f’din il-kawza hlief sensiela interminabbli ta’ verbali ta’ differimenti li huma indikattivi biss ta’ misinteress assolut tal-kontendenti fil-mertu mhux biss tal-appell imma tal-kawza stess. L-uniku verbal li ghandu jigi notat huwa dak li sar fis-seduta tat-<u>18 ta’ Gunju 1990</u> li fih l-Onorabbli Ministru tal-Finanzi u l-Avukat Mifsud Bonnici ddikjaraw illi l-istess Dottor Mifsud Bonnici kien waqaf li jezercita s-setghat u l-funzjonijiet u d-drittijiet imsemmija fl-att tac-citazzjoni f’Dicembru 1984 - hames snin qabel.

Qamet allura l-kwistjoni jekk kienx hemm lok li l-atti jigu legittimati in kwantu kien gie nnominat haddiehor minflok l-Avukat Mifsud Bonnici bhala l-kontrullur tas-socjeta' Pabros Limited. Din il-Qorti b'sentenza tas-6 ta' Lulju 1990 iddegretat li ma kien hemm lok ghall-ebda legittimazzjoni tal-atti fir-rigward tal-persuna tal-konvenut l-Avukat Mifsud Bonnici b'din il-motivazzjoni centrali.

"Jidher ghalhekk mit-termini tac-citazzjoni illi l-iskop taghha huwa li tannulla l-imsemmija notifikazzjoni u l-ordnijiet li hemm fiha lill-konvenut l-Avukat Dottor Carmelo Mifsud Bonnici u biex izommu milli jezercita s-setghat, funzjonijiet u dmirijiet hemm imsemmija. L-azzjoni kif koncepita ghalhekk tirrigwarda lill-konvenut l-Avukat Dottor Carmelo Mifsud Bonnici u l-fatt li hu waqaf li jezercita s-setghat, funzjonijiet u dmirijiet hemm imsemmija ma jfissirx li l-azzjoni ma baqghetx tirrigwardah jew li bdiet tirrigwarda lil haddiehor. L-azzjoni kif proposta hija intiza biex tattakka l-imsemmija notifikazzjoni u s-setghat moghtija biha lill-konvenut Dottor Carmelo Mifsud Bonnici u ghalhekk tirrigwarda lill-istess konvenut u li l-fatt li huwa ma baqax jezegwixxi dik l-ordni ma jfissirx illi l-azzjoni ma baqghetx izjed tirrigwardah."

Minn dik id-decizjoni rega' ma sar xejn. Eventwalment id-difensuri tal-partijiet gew mitluba jitrattaw il-kawza izda huma rrimettew ruhhom ghall-atti u l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza. Din id-dikjarazzjoni donnha tindika li l-kontendenti baqghalu interess fl-ezitu ta' dan l-appell

u fil-mertu tal-kawza. L-uniku kontestazzjoni ghall-aggravju tal-appellanti kontra d-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-20 ta' Gunju 1975 tidher li hi r-risposta lakonika tal-appellat Ministru tal-Finanzi u Dwana li jissottometti illi fil-mertu d-digriet appellat kien gust. Hu legali u jimmerita konferma bl-ispejjez. Dan sic et sempliciter, la kif u lanqas ghaliex. Dan hu appell certament fondat fil-ligi u kellu jigi deciz seduta stante li kieku l-kontendenti verament riedu jimpenjaw ruhhom fit-trattazzjoni tieghu. L-atturi qeghdin jitolbu illi din il-Qorti tirrevoka d-digrieti u provvedimenti kollha moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1975 u tiddeciedi illi :-

"1. Li l-atturi ghandhom id-dritt jgibu l-provi kollha taghhom qabel mal-kawza tigi differita ghas-sentenza.

2. Li huma ghandhom id-dritt li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom qabel ma l-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

3. L-ewwel Qorti kellha tisma' dawn il-provi u sottomissjonijiet skond l-artikolu 200 u 201 tal-Kap. 15 (kif kien allura).

4. Li l-ewwel Qorti ma setghatx in vjolazzjoni tal-artikolu 579 (1) tipprekludi lill-atturi milli jaghmlu domandi lix-xhud fuq dak li xehed fl-ezami.

5. Hu rrilevanti wkoll ghall-finijiet tal-kawza jekk l-atturi ghandhomx ir-rapprezentanza ta' Pabros Limited jew kellhomx meta saret il-kawza indipendentement min-nomina ta' Dottor Mifsud Bonnici". (L-artikoli citati huma enumerati skond il-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili qabel l-emendi tal-Att XXIV tal-1995).

Dawn it-talbiet huma kjarament gustifikati jekk id-digriet tal-20 ta' Gunju 1975 li bih il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostacolo jigi interpretat fis-sens proprju tieghu. Dana apparti l-kontradizzjoni cara bejn id-digriet li bih thalliet il-kawza ghas-sentenza in difetto ostacolo u d-digriet tal-istess jum li bih il-Qorti ddecidiet "li l-provi kellhom ikunu limitati f'dak l-istadju ghar-raguni "A" imsemmija fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-11 ta' April 1975. Din ir-raguni "A" tirreferi ghall-wahda mill-motivazzjonijiet tal-Qorti ghall-eccezzjoni li l-atturi Farrugia u Pace ma kellhomx ir-rapprezentanza tas-socjeta' Pabros Limited u cioe' l-eccezzjoni tal-illeggittimita' tal-persuna illi "ir-rapprezentanza ta' dik is-socjeta' giet vestita fih (l-Avukat Mifsud Bonnici) in virtu' ta' ordni ministerjali li, skond hu, ezawtora lil kull persuna ohra milli jkollha dik ir-rapprezentanza." Dwar dan il-motiv allura l-ewwel Qorti kienet preparata illi tircievi u tisma' l-provi. Kien allura kontrosens li fl-istess nifs hi thalli l-kawza ghas-sentenza in difett ta' ostacolo.

Dana apparti l-fatt ukoll illi, mill-atti, ma tirrizulta l-ebda prova materjali li setghet issostni t-talbiet jew l-eccezzjonijiet. Ezami anke superficjali

tad-dikjarazzjoni tal-atturi annessa mal-att tac-citazzjoni juri li hemm diversi elementi ta' prova li kien jehtieg li jigu stabbiliti, kemm permezz ta' dokumenti kif ukoll permezz ta' xhieda biex il-Qorti, tkun f'posizzjoni tiddelibera u tiddeciedi t-talbiet lilha sottomessi fid-dawl tal-eccezzjonijiet moghtija. Bizzejjed jinghad li ghalkemm giet ezebita man-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Ministru tal-Finanzi u Dwana n-nomina tal-11 ta' Settembru 1974, minnu maghmula, lill-Avukat Dottor Carmelo Mifsud Bonnici ma gietx ezebita in atti n-notifikazzjoni tal-Gvern 617/74 mahruga taht il-Banking Act 1970 (Gazzetta tal-Gvern numru 12999) li kienet qed tigi f'dawn il-procuduri impunjata. Lanqas hemm ghalfejn jinghad illi l-kontendenti kellhom jinghataw imbaghad l-opportunita' li jitrattaw il-kawza u jaghmlu sottomissjonijiet lill-Qorti. Ir-regoli elementari li jiggvernaw is-smiegh xieraq kellhom jigu f'kull kawza osservati anke f'dawk fejn il-mertu seta' jigi skontat jew kien ovvjament prevedibbli. Il-gustizzja kellha dejjem tidher li qed issir. Id-digriet inpunjat kellu allura jigi revokat biex il-kawza tkun tista' titkompla jekk il-partijiet verament ghandhom xi interess fl-ezitu taghha u jekk tali mertu seta' jkollu ghalihom illum xi utilita' ekonomika. F'kull kaz din il-Qorti tirrakkomanda illi l-mertu jigi minnufih deciz bl-applikazzjoni tar-regoli godda tal-proceduri li ma jippermettux l-intralc fil-progress tal-procediment li ghalih l-istanza prezenti gie unitilment soggett.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi milqugh u d-digriet appellat revokat, bl-ispejjez kontra l-appellati. L-atti qed jigu rimessi lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

Dep/Reg

mg